# L-ewwel diski Maltin

**Noel D'Anastas**
ndanastas@gmail.com

Għaddew aktar minn tmenin sena mill-ħruġ tal-ewwel diski Maltin. L-ewwel *recordings* ta' melodiji folkloristiċi Maltin, għana, għanjiet mexxejja, parlanti, improvizzazzjoni u anki mużika taż-żfin ġew rilaxxati fuq diski tal-faħam magħrufa bħala "shellac", li kellhom 78 dawra fil-minuta. Dan seħħ fis-snin bikrin tar-Riċessjoni l-Kbira, fis-snin tletin tas-seklu għoxrin, żmien turbulenti politiku għal Malta Imperjalista iddominata mill-kwistjoni tal-lingwa.

Il-kaxxi tad-daqq ta' ditti magħrufa kienu diġà qed isebbħu l-armaturi tal-ħwienet tad-diski u jsibu posthom fid-djar tal-Maltin li kienu jaqalgħuha tajjeb, speċjalment dawk li kienu qed jixtru diski tal-faħam ta' mużika popolari, inklużi selezzjonijiet minn opri magħrufa li kienu ppreżentati fit-Teatru Irjal.

Għalkemm il-mużika Taljana li kellha għeruq fondi fil-kultura Maltija kienet għadha b'saħħitha u tindaqq sew, l-aktar fit-teatru u mill-baned tal-irħula waqt xi programm fuq il-planċier, min-naħa l-oħra l-mużika Amerikana u Ingliża kienet qed tindaqq fis-swali tal-mużika u dawk taż-żfin, fiċ-ċinematografi u fi ħwienet tax-xorb li kienu l-aktar iffrekwentati mill-baħrin tal-flotot Navali Rjali ibbażata fil-Port il-Kbir. L-għana kont issibu l-aktar fl-irħula rurali, f'xi misraħ jew f'xi ħanut tat-tè.

Matul il-perjodu ta' bejn iż-żewġ ġwerer il-kbar, il-ħwienet tal-mużika ta' Carabott, D'Amato u Brizzi fil-Belt kienu magħrufa bħala aġenti ewlenin għat-tikketti internazzjonali. Kienu l-fornituri għal ħwienet oħra fil-Belt, Bormla, il-Ħamrun u Tas-Sliema, li kienu qed ibigħu l-kaxxi tad-daqq u d-diski.

Skont il-ġurnal *The Mid-Day Views* tad-29 ta' Diċembru 1930, l-istabbiliment mużikali ta' Anthony D'Amato f'numru 98 Strada San Giovanni, il-Belt, kien qed jirriklama l-grammofonu tal-mejda ta' *His Master's Voice* għall-prezz ta' disa' liri sterlina. Il-kaxxi tad-daqq kien jonqoshom ftit ġimgħat u xhur oħra biex fuqhom jibdew jinstemgħu l-melodija u l-akkumpanjament tal-prejjem, l-għana u l-għanjiet Maltin. Il-valzi u l-*foxtrot* miktuba mill-pinna Maltija kienu waslu wkoll.



Il-ħanut ta' Anthony D'Amato lura fis-snin. Jidhru d-diski Maltin li kienu ġew irrekordjati f'Milan

**Matul il-perjodu ta' bejn iż-żewġ ġwerer il-kbar, il-ħwienet tal-mużika ta' Carabott, D'Amato u Brizzi fil-Belt kienu magħrufa bħala aġenti ewlenin għat-tikketti internazzjonali**

### L-ewwel recordings ta' diski Maltin minn sorsi ġodda fl-Arkivju Nazzjonali

Dwar id-diski tal-faħam u l-ewwel *recordings* f'Tunis u Milan inkiteb ħafna, l-aktar mill-mużiċista Andrew Alamango li qajjem mill-ġdid l-interess lejn l-ewwel diski Maltin billi kien il-moħħ għar-restawr diġitali tagħhom u rilaxxati b'format diġitali permezz tal-proġett 'Malta Lost Voices' fl-2010.

L-iktar attività ddokumentata bikrija tar-recordings tal-mużika Maltija hija evidenti fis-sena 1930 meta ħames artisti magħrufa Maltin telqu lejn Tunis. Ir-reġistri tad-Dwana ta' Malta ppreservati fl-Arkivju Nazzjonali ta' Malta ddokumentaw li fl-20 ta' Novembru 1930 abbord il-bastiment Franċiż *Henri Ester*, l-artisti Antonio Teuma Castelletti, Walter Cachia, Giuseppe Prato, Emmanuele Mercieca u Giuseppe Xuereb imbarkaw lejn it-Tuneżija. Ġimgħa wara, fit-28 ta' Novembru, ġew lura Malta fuq il-bastiment *Knights of Malta* – dokumentazzjoni ġdida li qed tara d-dawl għall-ewwel darba.

Kien ċertu Fortunato Habib, aġent lokali ta' *Aux Galeries Lafayette* ta' Pariġi li kkoordina l-ewwel vjaġġ biex isir *recording* fit-Tuneżija. F'inqas minn ġimgħa kienu ġew irrekordjati l-ewwel melodiji u għanjiet lokali f'Tuneż, li aktar tard ġew rilaxxati fuq it-tikketta l-ħamra tas-serje *Polyphon*, irreġistrata mid-dar diskografika Ġermaniża, *Polyphon Musikwerke AG*. Il-ħruġ ta' dawn id-diski ngħatatilhom prominenza qawwija fuq il-gazzetti, l-aktar dawk moqrija mill-poplu komuni tat-triq.

### Id-diski maħruġa minn P. Carabott

L-istabbiliment tal-mużika ta' Pawlu Carabott fi Triq il-Merkanti li sa ftit tas-snin ilu kien għadu miftuħ, kien daħħal idu fil-but biex il-mużika Maltija tkun irrekordjata u mibjugħa f'suq li kien jidher qed iħalli l-flus.

Fil-bidu tas-snin tletin, sala kbira fil-Belt li kienet mgħammra bi twapet u purtieri tqal li servew ta' reżistenza għall-ħoss, tat spazju biżżejjed biex takkomoda żewġ orkestri kbar, li pprovdew l-akkumpanjament mużikali għall-maġġoranza tad-diski maħruġa mat-tikketta *Odeon* li kienu prodotti u mibjugħa mill-istabbiliment mużikali ta' Carabott.

Il-katalgu tat-tikketta *Odeon* kien jinkludi 48 diska mill-aqwa artisti lokali tal-epoka, kompożituri u surmastrijiet lokali, kantanti liriċi u komiċi, solisti tal-prejjem u orkestra tal-mandolina, bosta għanneja, inklużi nisa, u kor ta' 70 vuċi. Id-diski kienu jikkonsistu minn varjetà ta' melodiji popolari u mexxejja, kanzunetti komiċi, parlanti, għanjiet folkloristiċi, improvizzazzjoni u anki mużika sagra u operistika, fosthom ukoll dawk miktuba minn Carlo Diacono, Carmelo Pace u Mario Cirillo.

Fl-1932, Louis Carabott kien organizza vjaġġ lejn Tunis.

# Il-Vjaġġ mużikali lejn Milan

L-istabbiliment tal-mużika ta' Anthony D'Amato huwa kkunsidrat bħala l-eqdem ħanut tad-diski fid-dinja. Ġie stabbilit fl-1885 f'dak li kien negozju tal-għamara, li mbagħad inbidel f'ħanut tad-diski u l-bejgħ tal-kaxxi tad-daqq. L-emblema ikonika ta' *His Master's Voice* għadha tidher fuq il-faċċata tal-ħanut u tattira t-turisti li jżuruh.

It-tħassib ta' Anthony D'Amato fir-*recording* tal-mużika Maltija jmur qabel l-1930, kif iddokumentat f'waħda mill-ittri ppreservati fl-arkivju tal-familja. Fit-30 ta' Awwissu tal-1929, Anthony D'Amato kiteb lil The Gramophone Company Ltd. f'Hayes, Middlesex, dwar l-idea li jirrekordja xi diski bil-vuċi ta' Carlo Satariano, anki minħabba l-fatt li l-artist kellu l-ħsieb li jmur Milan.

Fit-13 ta' Settembru, il-kumpanija tad-diski wieġbet għall-ittra ta' D'Amato u qaltlu hekk: "Ma nistgħux nistennew li jkun hemm bejgħ estensiv kbir minħabba li t-territorju huwa żgħir, iżda minħabba l-fatt li s-Sur Satariano se jmur Milan minn jeddu m'għandux ikun hemm spiża għall-vjaġġ jew l-alloġġjar, u nikkunsidraw li nagħmlu sa tnax-il titlu (sitt diski b'żewġ naħat) fuq bażi ta' ħlas għad-drittijiet tal-awtur."

Il-kumpanija tal-Gramophone kienet allarmat ruħha meta saret taf li raġel għani Malti kien qed jinnegozja permezz ta' aġent Ġermaniż għall-provista ta' diski bid-djalett Malti. Dan kien ħames xhur wara li Fortunato Habib kien ikkoordina l-ewwel vjaġġ lejn it-Tuneżija. Fl-istess waqt, l-istabbiliment tal-mużika ta' Carabott kien qed jippromovi l-katalgu ta' *Odeon* bid-diski Maltin.

Kien hemm il-ħsieb li l-Gramophone tibgħat espert bil-magna tar-*recording* f'Malta biex tirrekordja madwar ħamsin diska, f'għanjiet, marċi u kanzunetti bl-akkumpanjament tal-kitarra. Il-pożizzjoni ta' Anthony D'Amato kienet li jibgħat lejn Milan sitta jew sebgħa mill-aqwa artisti li kien hawn fil-pajjiż bi spejjeż tiegħu biex hemm jirrekordjaw minn 40 sa 50 titlu fuq 10" tat-tikketta *Plum*.

L-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar, l-alloġġjar u l-ħlas lill-mużiċisti kienu għad-detriment tas-Sur D'Amato. Il-mużika fil-ħsieb tal-imprenditur kellha tkun *tangos*, *fox-trots* u valzi, kif ukoll deklamazzjonijiet, dwetti, għanjiet u anki innijiet ta' natura reliġjuża.

Alamango jsostni li D'Amato kien ikkuntratta lis-Surmast Vincenzo Ciappara, kompożitur, mużiċist u direttur magħruf biex jikkomponi l-mużika tagħhom. Carlo Satariano, minn Birkirkara, iżda residenti l-Belt Valletta, magħruf għall-komiċità, ġurnalista u sid ta' gazzetta satirika bil-Malti bl-isem ta' *Dr Brombos*, kien ikkuntrattat biex jikteb il-lirika tal-għanjiet. Id-distributur lokali

għal paġna 33



# L-għana u d-diski Maltin ta' qabel il-gwerra kienu jindaqqu fuq ir-Rediffusion

minn paġna 32

għall-HMV involva wkoll lil Emmanuele Cilia, wieħed mill-aqwa għannejja tal-ġurnata, lit-tenur Giuseppe Cefai, il-baritoni Ruġġieru Falzon u Michele Smith, u l-baxx Domenico Busuttil.

Wara xahrejn ta' provi, is-sitt artisti telqu lejn Milan. Għal Emmanuele Cilia 'Ta' Zabett' minn Ħaż-Żebbuġ, u probabbilment anki għal Domenico Busuttil mill-Birgu, dan kien l-ewwel vjaġġ tagħhom lejn art barranija. Mill-istess serje ta' volumi tad-Dwana jirriżulta li dawn tbiegħdu fil-5 ta' Ġunju 1931 abbord il-bastiment *Knights of Malta*.

F'Milan huma qagħdu għal ħmistax-il jum u rritornaw Malta fuq l-istess bastiment fl-20 ta' Ġunju 1931.

Fl-*istudios* tal-HMV f'Via San Antonio, Milan, l-artisti Maltin kienu taħt id-direttur mużikali uffiċjali Mro. Carlo Sabajno, assistit miċ-*chief engineer* Edward Fowler.

Ta' kuljum, l-*istudio* ġeneralment kienu jinżammu fih *recordings* ta' tmien titli. L-ewwel għoxrin *track* ġew irrekordjati u prodotti bejn it-8 u t-12 ta' Ġunju tal-1931.

Fid-djarju tal-*istudio* HMV f'Milan, ġie ddokumentat li fil-11 ta' Ġunju tal-1931 ġew irrekordjati l-għanjiet *L'istoria ta Arturo u Maria* (it-tieni parti) u *L'ilbies scullat*, miktuba minn Satariano u t-tnejn interpretati minn Emmanuele Cilia bl-akkumpanjament tal-kitarri, li stabbilixxewh bħala wieħed mill-aqwa għannejja li ġew irrekordjati.

L-għada ġiet irrekordjata waħda mill-aktar għanjiet famużi fil-katalgu D'Amato – *Madalena*, komposta minn Ciappara u kantata minn Carlo Satariano. *Contradanza Maltija* ġiet irreġistrata wkoll mit-truppa Maltija.

F'Marzu tal-1932, Anthony D'Amato kien lest li jirrekordja minn erbgħin sa ħamsin titlu oħra. It-tieni vjaġġ lejn Milan sar kmieni f'Settembru tal-1932. Carlo Satariano, Carmelo Cardona 'It-Tapp', Emmanuele Cilia u Domenico Busuttil ħallew Malta lejn Milan nhar it-3 ta' Settembru, 1932.

Dokument fl-Arkivju Nazzjonali jtarrfilna li huma kienu baqgħu Milan sal-24 tal-istess xahar. Għal dan it-tieni proġett ta' *recordings*, D'Amato kien nefaq is-somma ta' 130 lira sterlina, dokumentazzjoni li tinsab preservata fl-arkivju tal-istabbiliment mużikali.

L-aħħar *recordings* ta' diski Maltin fis-serje HMV ġew elenkati għall-ewwel darba fuq *Zonophone* u mbagħad fuq it-tikketta l-blu tal-*HMV*, li ħa post *Zonophone* meta din ingħaqdet ma' *Regal*.

L-għana ta' Emmanuele Cilia 'Ta' Zabett' u d-diski Maltin maħruġa qabel faqqgħet il-gwerra kienu qed jindaqqu fuq ir-Rediffusion. Fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet meta dawn id-diski reġgħu nħarġu fuq diski tal-*vinyl*, kienu qed jindaqqu fil-*jukeboxes* li kont issibhom fil-ħwienet tax-xorb u f'postijiet tad-divertiment.

Il-popolarità ta' dawn id-diski Maltin ħalliet influwenza fuq il-ġenerazzjoni ta' wara bħal Frans Baldacchino Il-Budaj miż-Żejtun. Jgħid hekk:

"Il-ħanut ftit 'l isfel minna kien qisu kalamita għalija, speċjalment meta mbagħad kienu daħħlu *jukebox* li fuqha kont issib id-diski ta' Manwel Cilia u Ġorġ Satariano l-Joċċ, imħalltin mad-diski ta' Elvis u Pat Boone."

Aktar tagħrif dwar l-ewwel diski Maltin, il-protagonisti u l-industrija mużikali tas-snin tletin skont sorsi primarji ħa jkun ippubblikat f'*Music in Malta – From Prehistory to Vinyl*, pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Patrimonju Malti. Ara wkoll www.patrimonju.org.



L-artisti li ntbagħtu jirrekordjaw Milan minn Anthony D'Amato. Fost dawn l-artisti hemm Emmanuele Cilia



Emmanuele Cilia

## Emmanuele Cilia 'Ta' Zabett'

Emmanuele Cilia huwa iben Franġisku mis-Siġġiewi u Eliżabetta, imwieled Ħaż-Żebbuġ nhar l-24 ta' Mejju, 1889. Kien infermier mas-Servizzi Ingliżi stazzjonat fil-Forti Sant'Iermu.

Lil Leli Cilia kont issibu jgħanni fil-ħwienet tat-tè u tax-xorb, magħruf għall-għana tal-fatt u għall-ispirtu pront. Il-kelma mlissna fl-għana kienet ċara, miftiehma minn kulħadd, b'dak il-leħen miksur, u tispikka t-tkaxkira ħelwa.

Huwa kien miżżewweġ lil Anna, imwielda Calleja, u kellhom tifla jisimha Maria Carmela. Huwa kien joqgħod f'numru 29, Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żebbuġ. Emmanuele Cilia miet fid-29 ta' Lulju tal-1967 fl-età ta' 78 sena.

Is-sena l-oħra, l-Għaqda Każin Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ sellmet lil dan l-iben dehen Żebbuġi.

## Emmanuele Cilia – The Complete Studio Recordings (1931-32)

Biex l-artistrija ta' Leli Cilia terġa' tara qawmien mill-ġdid, kif ukoll titfakkar il-ħamsin sena minn mewtu, il-Ħbieb tal-Arkivju Nazzjonali f'kollaborazzjoni ma' Filfla Records qed tniedi *album* bit-titlu 'Emmanuele Cilia – The Complete Studio Recordings (1931-32)'. Dan l-LP ikkompilat minn Andrew Alamango qed ikun rilaxxat fuq *vinyl* kif ukoll fil-format CD. L-għana 'Ta' Zabett' tista' wkoll titniżżel b'mod diġitali.

L-LP jiġbor fih 12-il *track*, sitta f'kull naħa. L-ewwel naħa hemm *X'Ahna sbieh min jaf jarana!* (l-ewwel parti), *Ghanja lin'namrata*, *Ghanja bejn tnejn* (l-ewwel parti) bis-sehem tal-kitarrista Carmelo Cardona 'It-Tapp' li ġiet irrekordjata fl-1932; *L'Istorja ta Arturo u Maria* (żewġ partijiet) u *Ghanja lis-Sajf*. It-tieni naħa tal-*album* hemm *Lucia ta Lammermur* (l-ewwel parti), *Tghajira lin-Namrata*, *Ix-Xhieh*, *Lieni l-Carcarisa* (L-ewwel parti), *Il Mara u ix-Xitan*, u *Xalata ghal San Paul* bis-sehem ukoll ta' Carmelo Cardona u l-kor. L-ismijiet tal-għanjiet qed jinkitbu bil-mod kif il-Malti kien jinkiteb f'dak iż-żmien.

Li l-għana u l-għanjiet ta' Emmanuele Cilia se jkunu miġbura flimkien fuq LP, wieħed ikompli jawgura tajjeb ta' kemm il-*vinyls* qed jerġgħu jirritornaw fl-industrija tad-diski. Mad-dħul tas-CDs, bosta kienu dawk li warrbu għalkollox it-*turntables* u d-diski *vinyl*, tant li fl-2000 kienu kważi sparrixew.

Il-Forbes – il-magażin awtorevoli fuq in-negozji, l-investiment u l-finanzi – jirrimarka li bejn l-2013 u l-2014, il-bejgħ tal-*albums* fl-Istati Uniti niżel għal 11.2%. Is-CDs niżlu għal kważi 15% u d-diski mniżżla b'mod diġitali wkoll kellhom tnaqqis ta' 9.4%. Iżda l-bejgħ tal-*vinyls* kellu żieda ta' 50%, li jammonta f'bejgħ ta' 346,8 miljun dollaru madwar id-dinja.

Jirriżulta li wara l-imwiet ta' bosta ġganti tal-mużika matul l-2015, fosthom David Bowie, l-ammiraturi investew fil-*vinyls* bħala memorja. Il-bejgħ tal-LPs fir-Renju Unit tela' b'53% fuq is-sena ta' qabel, u dan fisser tendenza għal ritorn lejn 'mużika tanġibbli'.

L-istatistika kkompilata mill-British Phonographic Industry (BPI) uriet li l-2016 kienet id-disa' sena konsekuttiva li l-*vinyls* żdiedu, meta nbiegħu aktar minn 3.2 miljun LP.

Il-bejgħ tal-*vinyls* kompla kiber fix-xhur li għaddew, u se jkompli jikber fix-xhur li ġejjin.

It-tnedija ta' 'Emmanuele Cilia – The Complete Studio Recordings (1931-32)' se ssir għada t-Tnejn, 10 ta' Diċembru 2018, fis-sebgħa ta' filgħaxija, fl-istabbiliment ta' Anthony D'Amato, il-Belt, l-istess stabbiliment li 87 sena ilu kien bagħat lil Emmanuele Cilia u lil sħabu jirrekordjaw diski Maltin.

Aktar tagħrif jinkiseb mill-Arkivji Nazzjonali billi wieħed jikteb lill-customercare.archives@gov.mt jew 21459863.